MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 253/2011

***Go plc.***

***Vs***

***Joanna Borg***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u hames Ewro wiehed u tlettin centezmu (€905.31), liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma'servizzi moghtija mis-socjeta' attrici.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.
Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-konvenuta mill-1 ta' Frar, 2010.

Ra li l-konvenuta pprezentat ruhha fl-udjenza tat-Tnejn 30 ta’ Mejju, 2011 u ammettiet li l-ammont kienu dovut u dan peress li qabel kienet toqghod Bugibba, fejn kien hemm dan is-servizz telefoniku, izda kienet telqet u ma kienitx qed tircievi dawn il-kontijiet.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi gialadarba l-konvenuta qieghdha tammetti li hija debitrici fil-konfront tas-socjeta’ attrici, dan it-Tribunal ghandu biss jikkonferma t-talbiet attrici kif dedotti u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ disa’ mija u hames Ewro wiehed u tlettin centezmu (€.905.31).

Bl-ispejjez u l-imghax, kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------